RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 23**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija ltaqa' nhar**
**L-Erbgħa 17 ta' Ottubru 2012 fis-6.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

Data u ħin

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sur George Attard | Membru |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 p.m.

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li l-laqgha tiġi sospiża sabiex il-Perit Godwin Agius li huwa l-perit tal-iżviluppatur, jispjega lill-membri preżenti l-proġett li hemm propost quddiem il-MEPA li jġib in-numru PA 6153/08. Sospensjoni tar-Regolamenti

Il-laqgha tkompliet fis-6.40 p.m.

1.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A21**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A21 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Qari u approvazzjoni tal-Minuti A21

2.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A22**

2.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A22 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Qari u approvazzjoni tal-Minuti A22

| | | |
|---|---|---|
| **3.00** | **Korrezzjonijiet tal-Minuti A21** | |
| 3.01 | Inġibdet l-attenzjoni li f'punt numru 7.04 irid jiżdied is-'sub-heading' "Il-Fossa". Il-Kumitat qabel ma' din l-emenda. | Korrezzjonijiet tal-Minuti A21 |
| **4.00** | **Korrezzjonijiet tal-Minuti A22** | |
| 4.01 | Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. | Korrezzjonijiet tal-Minuti A22 |
| **5.00** | **Punti li joħorġu mill-Minuti A21** | Punti li joħorġu mill-Minuti A21 |
| 5.01 | 6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il laqgħa li ntbagħtet 'site plan' ta' dawn it-toroq però s'issa konna għadna ma rċevejniex risposta mingħand Transport Malta. | Toroq li qatt ma ġew asfaltati |
| 5.02 | 7.04 Is-Sur Paul Grech informa 'l laqgħa li bagħat ilment lill-Inġinier Charles Camilleri fejn infurmanjieh li l-kuntrattur qed iħalli l-ħmieġ madwarha, kif ukoll dwar is-sewqan eċċessiv. | Il-fossa |
| 5.03 | 8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il laqgħa li l-istemma kienet għadha ma gietx ippubblikata. | Approvazzjoni tal-istemma |
| | Is-Sindku Alexander Craus daħal għal-laqgħa fis-7.15 pm | |
| **6.00** | **Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv** | |
| 6.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il laqgħa li l-avviż għall-ħruġ tal-offerta tal-'playing field' kien ser jiġi ppubblikat fl-24 ta' Ottubru 2012 u kien ser jagħlaq fis-26 ta' Novembru 2012. | 'Playing field' |
| **7.00** | **Komunikazzjoni mill-membri** | |
| 7.01 | Is-Sur George Attard talab li jsir il-bexx fuq il-bankini peress li l-għeruq tal-ħaxix ħażin li qed jikber fihom qed ikissirhom. Il-Kumitat qabel li jsir dan il-bexx kemm-il darba l-kuntrattur ikollu liċenzja biex ibexx u sabiex il-bexx isir matul il-lejl. | Ħaxix ħażin fuq il-bankini |
| 7.02 | Is-Sur George Attard ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Kappella l-Qadima kantuniera ma' Triq il-Lewż hemm bżonn li jsiru 'double yellow lines' fil-kantuniera peress li l-karozzi qed jiġu pparkjati fil-kantuniera b'konsegwenza li min ikun għaddej minn dawn it-toroq, ikollu jgħaddi 'wrong side'. | 'Double Yellow Lines' fi Triq il-Kappella l-Qadima |

7.03 Is-Sra Joan Ann Farrugia Galea ġibdet l-attenzjoni li meta nbniet Triq l-Iskola fl-2005, it-terrapien tat-triq intefa` fuq il-'cart ruts' li jinsabu f'art privata. Il-Heritage Malta kienet għamlet premura li dawn il-'cart ruts' jitnaddfu iżda sal-lum il-ġurnata dawn għandhom mirdumin bit-terrapien. Il-Kumitat iddeċieda li dan il-każ jgħaddi f'idejn Heritage Malta. — 'Cart Ruts' fi Triq l-Iskola

7.04 Is-Sur Paul Galea talab li jsir il-'patching' f'Bieb ir-Ruwa ħdejn Azzopardi House. Il-Kumitat qabel. — 'Patching' f'Bieb ir-Ruwa

7.05 Is-Sur Paul Galea talab li jsir il-qtugħ tal-bużbież u bexx f'Wied Rini. Il-Kumitat qabel. — Qtugħ ta' bużbiez f'Wied Rini

7.06 Is-Sur Paul Grech informa 'l laqgħa li kellu diversi talbiet biex fil-Baħrija jibda jsir is-servizz tal-knis. — Servizz tal-knis

Is-Sra Joan Ann Farrugia Galea saħqet li l-aktar li jkun hemm nies fil-Baħrija huwa fi tmiem il-ġimgħa u għaldaqstant jekk ser inqabbdu kennies, dan għandu jiknes nhar ta' Tnejn.

Ġie deċiż li għandna niġbru kwotazzjoni sabiex naraw kemm ser tiġi tiswa din l-ispiża u dan is-suġġett jerġa` jitla' għad-diskussjoni. Il-Kumitat qabel.

**8.00 Diskussjoni dwar applikazzjoni mal-MEPA – PA 6153/08, żvilupp ta' ġnien pubbliku fi Triq il-Qastan ma' Triq Patri Tumas Xerri u Triq Saverin Bianco**

8.01 Saret diskussjoni dwar dan il-proġett bejn il-membri kollha preżenti. Ġie konkluż li proġett ta' dan it-tip kien ser jibdel il-fiżjonomija tal-Baħrija, kien ser iħalli impatt fuq il-parkeġġ kif ukoll m'hemmx sistema ta' drenaġġ u għaldaqstant jekk ser jiżdiedu aktar appartamenti, kienet ser tikber il-problema tal-fossa. — Diskussjoni dwar applikazzjoni mal-MEPA – PA 6153/08

Għaldaqstant ittieħed vot dwar jekk għandniex naċċettaw li l-ġnien pubbliku li hemm propost f'dan il-proġett għandux jgħaddi f'idejn il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija. Ma kien hemm l-ebda vot favur, tlieta kontra u astensjoni waħda. Il-vot m'għaddiex. Ir-raġuni kienet li m'għandniex biżżejjed informazzjoni dwar kif kien ser jgħaddi f'idejn il-Kumitat Amministrattiv. Il-Kumitat kien lest li jkompli bid-diskussjonijiet kemm-il darba kien ser ikollna aktar informazzjoni dwar dan il-ġnien.

Fl-aħħar nett ġie deċiż li nibagħtu lill-MEPA biex tgħaddilna 'impact assessment

report'.

**9.00 Diskussjoni dwar il-finanzi**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni tal-'Management Accounts' għall-ewwel sitt xhur tas-sena. Skont dawn il-'Management Accounts' hemm 'surplus' ta' €61,245 però hija spjegat kif dan l-ammont kważi ntefaq kollu wara l-maltempata li saret f'Settembru wara l-ħsarat kbar li ġarrbet l-*area* tal-Baħrija u 'l madwar. Hija informat 'il laqgħa li kienet saret laqgħa mal-Prim Ministru fejn tlabnieh jagħtina l-għajnuna minħabba l-ħsarat kbar li ġarrabna, però l-għajnuna li ser jagħtina l-gvern mhijiex fi flus iżda ser jipprovdilna l-ħaddiema tiegħu. Diskussjoni dwar il-finanzi

**10.00 Aġġornament**

10.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru 2012 fis-6.00 p.m. Aġġornament

10.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.20 pm

Paul Grech.

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**